- *SELF BREVI MANU –*
- *APPREZZAMENT U VALUTAZZJONI TA' PROVI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 1857/96/RCP**

**Carmen Barbara u zewgha Giuseppi Barbara u b'nota tas-27 ta' Jannar 1999 Emanuel Barbara assuma l-atti tal-kawza minflok Carmen Barbara u zewgha Giuseppi Barbara**

**vs**

**Anthony u Stella konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess illi:-

Illi l-konvenuti huma debituri tal-attrici fis-somma ta' elf tmien mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm1,895) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut mis-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) mislufa brevi manu lill-istess konvenuti mill-attrici f'Gunju tas-sena 1994 x'aktax fil-jum numru hdax (11);

Illi l-istess ammont kien restitwibbli ghas-semplici rikjesta tal-attrici;

Illi l-konvenuti baqghu ma hallsux l-istess ammont nonostante diversi interpellanzi li sarulhom f'dan is-sens ammont inkluz permezz ta' ittra ufficcjali datata 23 ta Mejju 1996;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tal-hlas tal-istess dejn u l-attrici qieghdha tannetti ma dan l-att affidavit skond l-artikoli fuq imsemmija.

L-istess atturi ghalhekk talbu li l-istess konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta' Lm1,895 rapprezentanti bilanc li ghadu dovuta minnhom mill-ammont ta' Lm3,000 li kienet giet mislufa lilhom brevi manu f'Gunju tas-sena 1994.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 23 ta' Mejju 1996 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju,1996;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew :-

1. Illi fil-konfront ta' l-eccipjent Anthony Spiteri it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi huwa qatt ma ha jew ircieva il-flus imsemmija fic-citazzjoni la b'titolu ta' self u anqas b'xi titolu iehor.

2. Illi konsegwentement l-istess Anthony Spiteri mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza billi kwalunkwe obbligazzjoni li setghet dahlet fiha martu wahedha ma

tistax torbot il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-eccepjenti konjugi Spiteri.

3. Illi anke fir-rigward ta' l-eccepjenti Stella Spiteri, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi peress li l-ftehim bejn l-eccepjenti u ommha Carmen Barbara kien li din ittihomlha lura meta tkun tista'. Ma gie miftiehem ebda terminu u wisq inqas ma kien hemm xi ftehim li s-self ikun dovut lura a semplici rikjesta.

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-sueccepit, anke l-ammont indikat fic-citazzjoni mhuwiex korrett. L-ammont originali ma kienx tlett elef lira (LM3,000) izda elfejn lira maltin (LM2,000). Minn dawn gew ritornati jew imhalsa fuq struzzjonijiet ta' l-attrici Carmen Barbara diversi ammonti u ghalhekk anke l-ammont talvolta dovut lura mhuwiex dak indikat fit-talba attrici izda ammont ferm inqas kif jigi pruvat waqt il-kawza. F'kull kaz dan l-ammont ghadu mhux dovut.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol.38 *et seq* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Ottubru,1998 u tas-27 ta' Jannar,1999;

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha esebew l-affidavits ta' Carmen Barbara, George Camilleri u Charles Camilleri;

Rat in-nota ta' Emanuel Barbara li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi in sostituzzjoni ta' l-atturi stante li l-kreditu pretiz mertu ta' din il-kawza gie assenjat lill-istess Emanuel Barbara;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Mejju,1999 fejn Dr.Fenech Adami ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-12 ta' Jannar, 2000; tas-6 ta' Marzu, 2000; tat-28 ta' April, 2000; tat-23 ta' Gunju, 2000 u tad-29 ta' Novembru, 2000;

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha esebew l-affidavit taghhom;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Frar, 2001; tal-25 ta' April, 2001; tal-5 ta' Gunju, 2001 u tal-11 ta' Ottubru, 2001 fejn id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri qablu li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Jannar, 2002.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-kawza odjerna titratta dwar allegat bilanc li ghadu dovut mis-somma mislufa "*brevi manu*" lill-konvenuti mill-attur (li lilu gie assenjat il-kreditu). Dan l-ammont kien

restitwibbli ghas-semplici rikjesta. Illi pero` nonostante li nterpellawhom diversi drabi dawn baqghu ma hallsuhomx.

Illi l-konvenut eccepixxa illi huwa qatt ma ha jew ircieva l-flus imsemmija fic-citazzjoni la b'titolu ta' self u anqas b'xi titolu iehor. B'hekk qed isostni li hu mhux il-legittimu kontradittur billi kwalunkwe obbligazzjoni li dahlet fiha martu wahedha ma tistax torbot il-komunjoni tal-akkwisti.Min-naha tal-konvenuta eccepiet illi l-ftehim kien li ttiha l-flus meta tkun tista' u ma kien gie miftiehem l-ebda terminu u wisq anqas ma kienx hemm ftehim li s-self kien dovut lura a semplici rikjesta. Inoltre' eccepiet illi l-ammont originali misluf kien ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u mhux ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kif allegat fic-citazzjoni attrici. Inoltre' gew imhallsa lura ammonti akbar minn dawk imsemmija fl-istess citazzjoni.

**(A) PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-affidavit taghha **Carmen Barbara** xehdet li f'Gunju 1994 kien hemm diskors bejnha u bejn il-konvenuta bintha fir-residenza tax-xhud li Stella Spiteri kellha bzonn xi flus biex thallas lis-sid tal-post fejn toqghod. Ix-xhud offritilha li ssellifha tlett elef lira Maltin (Lm3,000) fi flus kontanti peress li dawk kellha d-dar. Qabel ma accettat, il-konvenuta riedet tkellem lil zewgha u ftit tal-hin wara marru flimkien ghand ix-xhud. Huma accettaw li jiehdu l-flus u meta ghadditilhom il-kontanti kien hemm prezenti wkoll bintha l-ohra Grace Warner. Wara xi granet talbet lill-

konvenuta biex ittiha lura elf lira (Lm1,000) milli kienet sellfitha peress li giet bzonnhom u ghax kienet taf li bintha poggiet il-flus il-Bank. Huma marru flimkien il-Bank u tathomlha.

Hi kompliet tispjega li wara xi ftit marret ghand in-Nutar Pierre Cassar biex jaghmlilha karta li bintha u zewgha kien fadlilhom ituha elfejn lira (Lm2,000). In-Nutar taha karta f'dan is-sens biex jiffirmawlha pero` huma ma riedux u hadet il-karta lura maghha. Hi ppromettiet illi jekk il-karta ghada ghandha turiha l-Qorti. Apparti l-elf lira (Lm1,000) msemmija kkonfermat li kienet ftehmet ma' bintha biex tnaqqas certu ammonti mis-self li kien ghad baqa' minflok thallashom rigali cioe': Lm30 rigal ghal grizma ta' bint il-konvenuta Diane; Lm30 ghar-rigal tal-engagement ta' binha Simon u Lm30 ghar-rigal tat-tieg ta' l-istess binha Simon. Darba ohra l-konvenuta tatha Lm10 u l-ahhar pagament li rceviet kien ta' Lm5 minghand il-konvenut. B'hekk mis-somma mislufa ta' Lm3,000 hi ssostni li thallset is-somma komplessiva ta' Lm1,105.

Hija qalet li l-ftehim kien li l-konvenuti kellhom ihallsu lura s-self kif hi titlobhom. Hi pero` cahdet li fit-12 ta' Dicembru 1995 bintha hallsitha lura s-somma ta' Lm200; u lanqas m'hu minnu li thallset Lm200 f'Lulju 1997 ghal bintha Diane. Tant hu hekk li fis-sena 1997 kienu diga' fethu l-kawza kontra taghhom u minn ftit qabel ma fethu l-kawza sa issa la l-konvenuti u lanqas bintha Diana ma baqghu jkellmuha. Qalet ukoll li ma tistax tifhem x'riedet tghid biha

l-konvenuta li mill-bilanc kellha zzomm Lm200 “ta’ sehemha”. Hi qablet ukoll li ma kienux ftehmu imghax izda qed tippretendi li l-imghax ghandu jibda jghaddi mid-data meta talbet il-flus lura u huma baqghu ma hallsuhiex. Fil-fatt hija talbet lura l-bilanc dovut b’ittra ufficcjali datata 23 ta’ Mejju 1996.

Illi **George Camilleri**, haten Carmen Barbara, xehed li meta darba kienu l-familja kollha migburin f’tieg ta’ kugin tieghu certu Guzi sema’ lil Anthony Spiteri ighid illi la issa kienu tawh il-flus kien ser iroddhom lura jekk irid hu. Dan il-kliem qalu lilu stess quddiem Emanuel Barbara u Charles Camilleri.

Illi **Charles Camilleri,** neputi ta’ Carmen Barbara, ikkonferma dak li xehed George Camilleri.

Illi l-konvenut **Anthony Spiteri** kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Huwa xehed li qatt ma ha jew ircieva xi self minghand omm u missier il-mara. Hu cahad li mar ghand il-kunjata meta kienet tat xi flus lil martu jew li kien prezenti meta sar xi diskors fuq xi self. Huwa sar jaf meta nqalghet il-kwistjoni li waslet ghall-kawza odjerna u taha l-verzjoni li qaltlu martu. Huwa qal ukoll li vera kien taha Lm5 lil Carmen Barbara pero` dan mhux b’xi radd lura ta’ self kif allegat minnha, imma ghax ma kellhiex flus u talbitu Lm5. Hu cahad ukoll li qatt tkellem fuq is-self quddiem George u Charles Camilleri stante li ma kienx jaf bis-self.

Illi fl-affidavit taghha l-konvenuta **Stella Spiteri** kkonfermat id-dikjarazzjoni guramentata man-nota tal-eccezzjonijiet. Hija tinsisti li l-ammont misluf kien ta’ Lm2,000 u mhux Lm3,000. Skond il-versjoni taghha, ommha tathomlha minhabba li ma rieditx izzommhom fuqha biex ma tonqsilhiex il-pensjoni. Qalet li sa l-1995 kellha relazzjonijiet tajbin hafna m’ommha. F’ l-1994, ommha marret maghha l-Bank sabiex tpoggi Lm2,000 fuq il-kont personali tax-xhud, u b’dan kollu zewgha l-konvenut ma kien jaf xejn.Xi gimgha wara, ommha talbitha lura Lm1,000 u b’hekk il-konvenuta radditilha lura dan l-ammont. Dakinhar kien hemm prezenti tnejn minn hutha u missierha. Hutha rawhom il-flus. Rigward l-elf lira (Lm1,000) l-ohra li zammet fuq isimha ma kien hemm l-ebda ftehim la kif u lanqas meta kellha tatihomlha. Ix-xhud issostni li ommha qaltilha biex izzommhom u hi fehmet li dawn setghu jibqghu ghandha ghal tul ta’ zmien.

Imbaghad kompliet tispjega kif hallset b’mod jew iehor parti mill-elf lira (Lm1,000) li baqa’. Il-konvenuta semmiet li fuq struzzjonijiet t’ommha fit-28 ta’ Ottubru 1995 hallset Lm30 bhala rigal tal-grizma lit-tifla taghha stess Diane u Lm30 ohra ghar-rigal tal-*engagement* ta’ binha Simon. Fit-12 ta’ Dicembru 1995 tat Lm30 rigal tat-tieg ta’ Simon. Minbarra dawn xehdet li ommha tatha struzzjonijiet biex taghti Lm200 ohra lit-tifel Simon. Fit-13 ta’ Lulju 1997 tat Lm200 ohra lil bintha Diane biex tkun tista’ ssiefer. Kienet proprju ommha Carmen Barbara li qalet lit-tfal biex ittihom dawn il-flus. Xehdet li barra li ommha kienet il-parrina ta’ Diane fil-

grizma, kienet anki marret ghat-tieg ta’ Simon. Fl-ahharnett tippretendi wkoll li ghandha zzomm Lm200 ta’ sehemha billi l-istess ommha qaltilha li riedet tatihomlha, anzi riedet taghti l-istess ammont anki lil uliedha l-ohra. B’hekk ix-xhud qalet li fadlilha biss taghti lil ommha Lm295. Skond hi ma kien hemm l-ebda ftehim ghal imghax. Ir-raguni, skond hi, ta’ l-inkwiet li nqala’ kienet li l-konvenut zewgha ghamel xi xoghol lil hu l-konvenuta u dan ma hallsux u kellu jfittxu bil-Qorti. Kif ommha saret taf b’dan inqala’ l-inkwiet.

**<u>(B) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ma hemmx bazikament kontestazzjoni bejn il-partijiet li Carmen Barbara effettivament avvanzat lill-konvenuta ammont ta’ flus. Il-kontestazzjoni tikkonsisti illi filwaqt li Carmen Barbara, l-aventi kawza ta’ l-attur odjern, issostni li selfet lill-konvenuti Lm3,000; il-konvenuta tinsisti li s-somma mislufa kienet ta’ Lm2,000. Inoltre’ m’hemmx qbil dwar certu ammonti li l-konvenuta xehdet li raddet lura mentri ommha tichad. Barra minn hekk il-konvenut u martu qed ighidu li huwa ma kienx jaf b’dan is-self filwaqt li Carmen Barbara xehdet il-kuntrarju, kif korroborata minn zewg xhieda prodotti minnha.

Illi abbazi tal-principju baziku fil-kuntest tal-provi, li min jallega ghandu l-oneru tal-prova, huwa l-oneru tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Illi hemm qbil li Lm2,000 effettivament gew mislufa. Illi il-flus ghaddew minn id ghal

ohra minghajr ma kien hemm xi forma ta' skrittura jew xi xhud prezenti. B'hekk hija biss il-verosomiljanza tax-xhieda moghtija li tista' twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni taghha. Illi mit-totalita' tal-provi prodotti din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici huma aktar verosimili minn dawk tal-konvenuti. Dan ghaliex ghalkemm il-konvenuta ssostni li mhux minnu li kellha trodd il-flus meta ommha titlobhomlha, il-fatti kif graw juri l-oppost. Fil-fatt kien biss wara gimgha li ommha selfitilha l-flus li talbitha lura Lm1,000 minnhom. Il-konvenuta marret m'ommha l-Bank, u dan hemm qbil fuqu bejn il-partijiet, u gibdet l-Lm1,000 u tathomlha. Ma rrizultax li nqala' x'inkwiet f'din l-okkazzjoni li juri bic-car li l-flus mislufa kellhom jithallsu ghas-semplici rikjesta ta' Carmen Barbara. Inoltre' l-arrangament ta' bejniethom li minflok li l-konvenuta thallas lil ommha, certu ammonti ta' flus taghtihom bhala rigali lil uliedha fuq struzzjonijiet ta' l-istess omm u dawn jitnaqqsu mill-ammont dovut jippruvaw li l-ammont verament kellu jithallas ghas-semplici talba ta' Carmen Barbara.

Illi kif intqal fis-sentenza **"Emanuele Aquilina et vs Lorraine Farrugia et"** (Citaz.Nru:2043/96/RCP deciza fit-28 ta' Gunju,2001) :-

*"Illi fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna li l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni...".*

Taht dan l-aspett jinghad li t-tezi attrici hija hekk korroborata u ppruvata.

Illi imbaghad hemm ukoll il-kwistjoni ta' l-ammonti li l-konvenuta qed tghid li hallset lil ommha.

Illi mill-provi jirrizulta li hemm qbil li kien hemm il-hlas ta' Lm30 rigal ghall-grizma tat-tifla tal-konvenuti, Lm30 rigal ghall-*engagement* ta' iben il-konvenuti u Lm30 rigal ghat-tieg tal-istess tifel tal-konvenuti. Kif ukoll l-Lm10 li tatha l-konvenuta u l-Lm5 li taha l-konvenut. Dawn jammontaw ghal Lm105 globalment.

Illi dwar l-allegazzjoni li thallsu diversi ammonti ohra mill-konvenuta lil ommha dan huwa oneru tal-konvenuta li tipprova, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan il-konvenuta naqset li taghmlu. Hija ma pproducietx provi jew xhieda sabiex jissustanzjaw dak li kienet qed tghid. Ghal dak li jirrigwarda l-allegat hlas ta' Lm200 lit-tifla Diane fit-13 ta' Lulju 1997 dan hu verament inverosimili meta fix-xhieda tal-konvenuta stess inghad li kien hemm relazzjonijiet tajbin m'ommha sa l-1995. Fl-1997 il-partijiet kienu diga` qeghdin f'nofs il-kawza odjerna – infatti, id-data tal-prezentata hija 31 ta' Mejju 1996.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-konvenut li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li ma kienx jaf bid-dejn din ghandha tigi michuda ghar-raguni segwenti. L-attur permezz ta' l-affidavit ta' Carmen Barbara kif korroborat miz-zewg affidavits l-ohra ta' George u Charles Camilleri rnexxielu jipprova li fil-verita` l-konvenut kien jaf bid-dejn. Tant kien

jaf li hu stess darba taha Lm5 bhala hlas. Ir-raguni moghtija minnu hija xi ftit jew wisq inverosimili ghax ladarba fl-affidavit taghha l-konvenuta tat impressjoni li ma kienx hemm relazzjonijiet daqshekk tajba bejn ommha u l-konvenut din ma kienitx se tmur titolbu Lm5 ghax ma kellhiex, imbaghad proprju minghand min kellu jtiha.

Illi kwindi ghar-ragunijiet suesposti it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha. Rigwardanti l-imghax, irrizulta anki mix-xhieda ta' Carmen Barbara nnifisha li effettivament ftehim dwar imghax ma kienx hemm, pero` ladarba ma hallsux id-dejn meta gew mitluba biex jaghmlu hekk din il-Qorti thoss li huwa gust li taghti l-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali msemmija.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u disghin lira Maltija (Lm1,895) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnhom mill-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) li kienet giet mislufa lilhom brevi manu f'Gunju tas-sena 1994.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta' Mejju 1996 u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D**
**8 ta' Jannar, 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**8 ta' Jannar, 2002**